MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 420/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Galea talli:

(1) Fil-15 ta' Settembru 2006 ghall-habta tal-11.30 p.m. bhala sid il-hanut bl-isem "Pappagall" li jinsab fi Triq Fleur De Lys, B'Kara, bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;

(2) Minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija jew awtorita` kompetenti fetah jew zamm l-imsemmi hanut

tax-xoghol, jew hadem arti jew sengha, illi jistghu jdejqu l-girien;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Dicembru 2006 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Carmel Galea hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u, wara li rat l-artikolu 338(m) tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal *ammenda* ta’ hamsa ghoxrin liri Maltin (Lm25);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Carmel Galea pprezentat fit-22 ta’ Dicembru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn sabitu mhux hati tat-tieni imputazzjoni u thassar u tikkancella dik il-parti fejn sabitu hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu *multa* [*recte:* ***ammenda***] ta’ Lm25 u minflok tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) hija aktar kredibbli l-verzjoni tal-Pulizija li qalu li marru fis-16 ta’ Settembru 2006 (u mhux fil-15 ta’ Settembru 2006 kif jghidu l-kwerelanti) u sabu l-muzika baxxa; (2) huwa mhuwiex il-persuna li ghandha l-licenzja sabiex topera l-hanut u ghalhekk ma setax jinstab hati.

Dawn l-aggravji jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u effettivament din il-Qorti semghet ix-xhieda mill-gdid fis-seduta tas-16 ta’ Frar 2007. Id-difiza enfasizzat il-konflitt li hemm fil-provi bejn id-data rizultanti mill-affidavit ta’ P.S. 226 Paul Bonanno u dik indikata minn Victor u Ruth Muscat (minn hawn ‘il quddiem imsejha “il-kwerelanti”) u l-konflitt bejn dak li jghid P.S. 226 fl-affidavit dwar il-muzika

baxxa u dak li xehdu l-kwerelanti, kif ukoll il-prova li l-appellant mhuwiex il-*licensee*.

Issa, ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[1]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[2].

Dwar il-kwistjoni tad-data, din il-Qorti hi konvinta illi d-data hi proprju dik tal-15 ta’ Settembru 2006. Din id-data ssemmiet bla tlaqliq mill-kwerelanti meta xehdu u gew mistoqsijin dwar id-data meta allegatament sehh ir-reat in kwistjoni u l-Pulizija stess indikaw id-data tal-15 ta’ Settembru 2006 fic-citazzjoni. Il-fatt li fl-affidavit P.S. 226 Paul Bonanno semma’ s-16 ta’ Settembru 2006 huwa jew rizultat ta’ zball da parti tieghu peress illi l-hin ta’ l-allegat reat kien effettivament qrib nofs il-lejl jew l-affidavit jirreferi ghal okkazjoni ohra meta l-kwerelanti ghamlu rapport lill-Pulizija peress illi huma xehdu illi qed kollhom jaghmlu rapporti kontinwament. Interessanti mbaghad il-fatt illi anke jekk l-affidavit jirreferi ghad-data in kwistjoni, hemm diskrepanza bejn dak li jghid P.S. 226 fis-sens illi l-muzika kienet baxxa u dak li xehed il-barman John Paul Tanti li “l-jukebox kien mitfi”. Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti, wara li semghet ix-xhieda, hija tal-fehma illi dak li xehdu l-kwerelanti huwa veritjer, u cioe` illi huma cemplu lill-Pulizija minhabba l-volum gholi tal-muzika. Inoltre ma ssibx ghalfejn ghandha tiddubita dak li qalu dwar l-istorbju li ghamel l-appellant wara li telqu l-Pulizija. Minn dak li xehdu u l-mod kif xehdu huwa evidenti illi huma *long-*

[1] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[2] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

*suffering victims* ta' min qieghed imexxi l-lokal imsemmi fic-citazzjoni.

L-appellant isostni illi mhuwiex il-*licensee*. Jidher illi l-*licensee* huwa effettivament Tyrone Galea kif jirrizulta mid-dokument CG1 a fol. 6 u mix-xiehda tal-P.L. Louisa Tufigno. Izda jirrizulta wkoll illi Tyrone Galea sar il-*licensee* b'effett mill-10 ta' Ottubru 2006, cioe` wara d-data in kwistjoni. Barra minn hekk, mix-xiehda ta' John Paul Tanti stess jirrizulta illi s-sid huwa l-appellant u li sahansitra meta marru l-Pulizija huwa rreferihom lis-sid, cioe` lill-appellant, li skond dan ix-xhud kien ukoll prezenti fil-lokal. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju dwar ir-responsabbilta` ta' l-appellant dwar dak li sehh fil-hanut bl-isem "Pappagall" fi Triq Fleur de Lys, B'kara fil-15 ta' Settembru 2006 ghall-habta tal-11.30 p.m.

Ghaldaqstant l-aggravji ta' l-appellant sejrin jigu michuda u billi din il-Qorti tikkunsidra dan l-appell bhala wiehed fieragh, sejra tapplika l-provvedimenti opportuni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata, u billi l-appell huwa wkoll wiehed fieragh fit-termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 429 tal-Kap. 9, tikkundanna lill-appellant *ammenda* ta' hamsa u ghoxrin lira ohra (Lm25).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------